MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 371/2011

**Wara l-Ittra Ufficjali taht il-provvedimenti ta' l-Artikolu 166A Ittra Nru. 2811/11 u Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 3114/11 fl-ismijiet:**

**Alfred Baldacchino Limited (C-10418)**

**Vs**

**C&F Build Limited (C-15308)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà C&F Building Contractors Limited fit-2 ta' Novembru 2011, permezz ta' liema titlob li l-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet Taghha tas-26 ta' Ottubru 2011 fejn laqghet it-talba tas-socjetà Alfred Baldacchino Limited ghall-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 3114/11 fl-ismijiet "Alfred Baldacchino Limited v. C&F Build Limited", u dana taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha li ghandha taghti;

Rat ir-Risposta tas-socjetà Alfred Baldacchino Limited permezz ta' liema topponi ghat-talba tas-socjetà rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda fil-fatt u fid-dritt peress illi l-azzjoni proposta mis-socjetà rikorrenti, intiza ghar-revoka ta' att ezekuttiv mahrug in segwitu ghal ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, giet proposta wara l-perkors tat-terminu legali li bih l-istess ittra ufficjali giet reza ezekuttiva skond il-Ligi, u fi kwalunkwe kaz il-vertenza odjerna ghandha tigi risolta bil-korrezzjoni fl-isem tal-kumpannija debitrici, u cioè minn C&F Build Limited ghal C&F Building Contractors Limited, taht il-provvedimenti ta' l-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux bir-revoka *contrario imperio* tad-Digriet li awtorizza l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv, stante li n-numru tar-registrazzjoni tal-kumpannija indikat kemm fuq l-ittra ufficjali kif ukoll fil-Mandat ta' Sekwestru huwa korrett u l-imsemmija atti giudizzjarji gew notifikati fl-ufficcju registrat tas-socjetà rikorrenti;

Rat in-Nota pprezentata mis-socjetà rikorrenti fil-5 ta' Dicembru 2011 u l-estratt mill-*website* ta' l-MFSA, anness ma' dik in-Nota u markat Dok. "CF1", li juri d-dettalji tas-socjetà rikorrenti;

Rat in-Nota pprezentata mis-socjetà intimata fl-14 ta' Dicembru 2011 u n-Nota ta' Sottomissjonijiet u Rikors ta' l-istess socjetà, hemm annessi;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensur tas-socjetà rikorrenti;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà rikorrenti titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11 fl-ismijiet "Alfred Baldacchino Limited v. C&F Build Limited" ghaliex in forza ta' l-istess Mandat erronejament gew issekwestrati flus appartenenti lilha. Is-socjetà rikorrenti tikkontendi li l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni u l-ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta in bazi ghal liema intalab u gie ottenut l-hrug ta' l-imsemmi Mandat, inhargu kontra socjetà li ma hijiex hi, u

addirittura s-socjetà interpellata bl-ittra ufficjali u u fil-konfront ta' min inhareg il-Mandat, ossia C&F Build Limited, hija inezistenti.

Mill-atti processwali jirrizulta li b' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 19 ta' Lulju 2011, is-socjetà intimata interpellat lis-socjetà C&F Build Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-15308 ta' Hal Far Road, B'Bugia, sabiex thallasha s-somma ta' €6,051.60. Mir-Rikors promotur, ikkonfermat bil-gurament minn Frank Schembri, Managing Director tas-socjetà rikorrenti, jirrizulta li l-ittra ufficjali giet notifikata fl-indirizz moghti mis-socjetà intimata. Wara d-dekors ta' tletin gurnata min-notifika ta' dik l-ittra ufficjali fejn la giet kontestata l-pretensjoni tas-socjetà intimata u lanqas sar il-hlas tas-somma pretiza, l-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva a tenur ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. In segwitu s-socjetà intimata tablet u ottjeniet il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11 kontra s-socjetà C&F Build Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni 15308 ta' Hal Far Road, B'Bugia, liema Mandat ta' Sekwestru gie esegwit u gew issekwestrati flus appartenenti lis-socjetà rikorrenti[1].

Man-notifika ta' l-ittra ufficjali ma kien hemm ebda kontestazzjoni ghall-procedura istitwita mis-socjetà intimata ghaliex skond kif premess mis-socjetà rikorrenti fir-Rikors promotur u kkonfermat minn Frank Schembri, Managing Director ta' l-istess socjetà, *minhabba n-nullità ta' l-istess ittra billi giet mahruga lil socjetà inezistenti u mhux rapprezentata minnu*[2] [ossia Frank Schembri] *huwa ma ghamel xejn wara li irceviha*. Kien biss wara l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 3114/11 illi l-procedura istitwita mis-socjetà intimata giet kontestata ghaliex skond is-socjetà rikorrenti *l-izbal* [li skontha già kien hemm fl-ittra ufficjali] *baqa' jipperpetwa ruhu billi l-Mandat gie notifikat lil diversi banek li wkoll skorrettament issekwestraw flus tas-socjetà esponenti li qatt ma kienet parti u allura lanqas qatt ma giet notifikata kif suppost bl-*

---

[1] Dok. "B" aness mar-Rikors promotur.
[2] Sottolinear tal-Qorti.

*Ittra Ufficjali tad-19 ta' Lulju 2011 u lanqas fil-Mandat ta' Sekwestru 3114/11*[3].

Fil-fehma tal-Qorti sabiex jigi determinat jekk it-talba tas-socjetà rikorrenti ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11 hijiex gustifikata o meno, jehtieg jigi stabbilit jekk (i) l-ittra ufficjali bin-Numru 2811/11 hijiex verament nulla; u jekk (ii) huwiex minnu li l-istess ittra u l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11 qatt ma gew notifikati kif suppost lis-socjetà rikorrenti, ghaliex is-socjetà interpellata mis-socjetà intimata ma hijiex hi u addirittura giet interpellata socjetà inezistenti.

Mid-dokument Dok. "CF1", esebit mis-socjetà rikorrenti b'Nota datata 5 ta' Dicembru 2011[4], jirrizulta li bhala fatt is-socjetà bin-Numru tar-Registrazzjoni C-15308 u b'ufficju registrat f'Hal Far, Road, B'Bugia, iggib l-isem C&F Building Contractors Limited u mhux C&F Build Limited, kif indikat mis-socjetà intimata fl-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2811/11 u fil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11. Madanakollu, ghalkemm l-isem indikat mis-socjetà intimata ma huwiex ezattament l-isem tas-socjetà bin-Numru tar-Registrazzjoni C-15308 u b'ufficju registrat f'Hal Road, B'Bugia, fil-fehma tal-Qorti li hu determinati ghall-finijiet ta' validità kemm tal-proceduri giudizzjarji istitwiti mis-socjetà intimata kif ukoll tan-notifika ta' l-ittra ufficjali u tal-Mandat ta' Sekwestru, ma huwiex tant il-mod kif inkiteb l-isem tas-socjetà imharrka – u cioè jekk hux C&F Build Limited jew C&F Building Contractors Limited – imma jekk fid-dawl tad-dettalji dwar is-socjetà interpellata bl-ittra ufficjali u kontra min inhareg il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kif moghtija, kienx hemm dubju ragonevoli dwar l-identità tal-persuna – fil-kaz odjern tal-persuna guridika – kontra min is-socjetà intimata pprocediet ghall-hlas tas-somma minnha pretiza.

Kemm-il darba din il-Qorti kellha tillimita l-konsiderazzjonijiet Taghha biss fuq il-mod ta' kif inkiteb l-

[3] Sottolinear tal-Qorti.
[4] Fol. 16 sa' 19 tal-process.

isem tas-socjetà interpellata mis-socjetà intimata minghajr ma tidhol fil-kwistjoni jekk kienx hemm dubju ragonveoli dwar l-identità ta’ min kellu u fil-fatt gie interpellat ghall-hlas u fil-konfront ta’ min inhareg il-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv, tkun qed tadotta formalizmu rigidu li ormai ma ghadux rikonoxxut fis-sistema guridika nostrali.

Konferma ta’ din l-osservazzjoni tinsab fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino v. Giuseppe Arcidiacono et noe, Appell Civili Nru.696/90** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-11 ta’ Lulju 2007, fejn il-konvenuti f’dawk il-proceduri attakkaw il-validità ta’ l-istess proceduri u tal-konvenju mertu tal-kawza in bazi ghall-pretensjoni li isem l-attur kien indikat b’mod zbaljat u kien hemm zball fl-ortografija ta’ kunjom wiehed mill-konvenuti. Il-kontestazzjoni taghhom kienet li l-mod kif gie indikat isem l-attur, ossia Charles flok Carmelo Gatt Baldacchino, u l-mod kif inkiteb kunjom Renato Arcidiacono, ossia bhala Archidiacono flok Arcidiacono, wassal ghan-nullità kemm tal-proceduri nfushom kif ukoll tal-konvenju. Il-Qorti ta’ l-Appell ezaminat fid-dettal il-kwistjoni tan-nullità sollevata mill-konvenuti f’dawk il-proceduri u waslet ghall-konkluzzjoni li fl-indikazzjoni ta’ isem ta’ persuna fi proceduri giudizzjarji – sia bhala l-parti azzjonanti fil-kaz kif ukoll bhala l-parti mharrka – l-element determinanti ma huwiex tant l-indikazzjoni assolutament korretta ta’ l-isem, izda jekk bid-dettalji kif moghtija kienx hemm dubju ragonevoli o meno dwar l-identità tal-persuna: *Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Vella et v. Galea et” deciza fit-23 ta’ Ottubru 1991, “Jean jew John Mifsud u Jean Missud – huma l-istess persuna. Dan ifisser li l-istess persuna hija deskritta b’mod differenti, imma fuq l-identità taghha ma hemm assolutament ebda dubju ragjonevoli. Issa daqstant iehor huwa car, ovvju u minghajr ombra ta’ dubju li huma persuni li jakkwistaw drittijiet u ghandhom obbligazzjonijiet, u li l-ismijiet u l-kunjomijiet iservu biex il-persuni jigu identifikati u distinti minn persuni ohra”. Is-socjetà konvenuta tissottometti li r-regoli ta’ procedura ghandhom jigu osservati ad oltranza. Dan hu minnu sa’ certu punt, ghax kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Aquilina v. Aquilina” deciza fil-11 ta’ Marzu 1985: “it-tendenza tal-gurisprudenza moderna hija kuntrarja ghall-formalizu*

*rigidu taz-zminijiet antiki u ma tharisx b'favur lejn dikjarazzjonijiet ta' nullità fejn m'hemmx involuti kwistjonijiet ta' ordni pubbliku u fejn in-nullità mhix komminata mill-Ligi." Dan il-principju gie enuncjat ricentement minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza "Vella v. Farrugia" deciza fil-21 ta' Gunju 2006, fejn ukoll saret referenza ghall-formalizmu rigidu ta' l-antik "minghajr rigward ghall-interessi tal-kontendenti u ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja in generali". Din it-tendenza moderna giet murija minn din il-Qorti fil-kawza "Azzopardi noe v. Vella et" deciza fis-6 ta' Ottubru 1999, li fiha accettat bhala valida ittra ufficjali li talbet ezekuzzjoni ta' konvenju, avolja f'dik l-ittra ufficjali d-data tal-konvenju kienet zbaljata. Ladarba ma kienx hemm dubju dwar il-konvenju li kien sehh bejn il-partijiet, ma kellu jirrizulta ebda nuqqas fil-procedura utilizzata. Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza "Galea v. Vella et" deciza fis-16 ta' April 2004, osservat li m'hemmx nullità ta' l-ittra ufficjali (mibghuta in ezekuzzjoni ta' konvenju) minhabba c-cirkostanza li mart il-konvenut, li jisimha Mary Vella, giet indikata bhala "Antonia Vella" u dan peress li ma kienx hemm dubju dwar l-identità tal-persuna li kellha tkun u fil-fatt giet notifikata. Kwindi l-aggravji tas-socjetà appellanti fir-rigward ta' l-allegati "zbalji" fl-isem ta' l-attur u l-kunjom ta' Renato Arcidiacono qed jigu michuda.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta v. Elbros Construction Limited, Citaz. Nru. 21/99** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 2004, ukoll hareg car li f'kaz li l-parti interpellata jew imharrka tigi indikata b'isem hazin huwa l-element ta' l-identità tal-persuna interpellata jew mharrka li jorbot u huwa biss f'kaz ta' dubju ragonevoli dwar tali identità li l-att in kwistjoni ma jitqiesx li jiswa u li gie notifikat skond il-Ligi. F'din is-sentenza nghad: *ghalkemm indirizzata lil persuna li ma tezistix bl-isem muri fuqha, l-ittra ma ntbaghtitx lil persuna li ma tezistix, tant illi kienet notifikata, u n-notifika kienet accettata ghax min ircieva l-ittra ma baghthiex lura. Il-qorti ghalhekk kienet tasal li tghid illi l-ittra xorta tiswa biex tikser il-preskrizzjoni li kieku nbgibitilha prova illi n-notifika saret f'idejn is-socjetà konvenuta. Dik il-prova, izda, ma saritx. In-notifika, kif rajna, saret lil Elbros*

*Limited, u mix-xhieda hareg illi hemm tliet socjetajiet li ghandhom il-kelma Elbros bhala parti minn isimhom, u ma hemm ebda prova illi dik li rceviet in-notifika kienet tassew is-socjetà konvenuta u mhux xi wahda mit-tnejn l-ohra. Ladarba l-Ligi trid illi att gudizzjarji jkun ukoll notifikat biex tinkiser il-preskrizzjoni, il-Qorti taqbel mas-socjetà konvenuta illi l-ittra gudizzjarja tas-26 ta' Frar 1998 ma tiswiex biex tikser il-preskrizzjoni*.

Meta l-fatti ta' dan il-kaz jigu kkunsidrati fid-dawl ta' l-insenjamenti guridici appena citati, jirrizulta li s-socjetà interpellata u notifikata bl-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2811/11 mahruga mis-socjetà intimata, u kontra min inhareg il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11, bhala fatt tezisti u minkejja l-inezatezza ta' l-isem indikat mis-socjetà intimata kemm fl-ittra ufficjali kif ukoll fil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv, kuntrarjament ghall-kaz trattat fis-sentenza fl-ismijiet "Korporazzjoni Enemalta v. Elbros Limited", fil-kaz in ezami ma jirrizulta ebda dubju dwar l-identità taghha. Kif johrog ferm car mir-Rikors promutur, debitament ikkonfermat bil-gurament minn Frank Schembri, l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2811/11 giet notifikata fl-ufficju registrat tas-socjetà bin-Numru ta' Registrazzjoni C-15308 tant illi n-notifika giet accettata u mhux rifjutata, u l-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11 ukoll gie esegwit.

B'hekk kontra dak pretiz mis-socjetà rikorrenti – li tibbaza l-pretensjonijiet taghha unikament fuq l-inezattezza ta' l-isem tas-socjetà bin-Numru tar-Registrazzjoni C-15308 u b'ufficju registrat f'Hal Far Road, B'Bugia, kif indikat fl-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2811/11 u fil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11, ghaliex in entrambe i casi din is-socjetà giet indikata bl-isem C&F Build Limited minflok C&F Building Contractors Limited – is-socjetà intimata ma pprocedietx kontra socjetà inezistenti u konsegwentement l-imsemmija ittra ufficjali u Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv ma humiex nulli u gew debitament notifikati lil min kellhom jigu notifikati.

L-izball li sar f'dan il-kaz huwa unikament tas-socjetà rikorrenti li, kif ikkonfermat bil-gurament minn Frank Schembri, man-notifika lilha ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2811/11, in bazi ghall-assunzjoni – del resto ghal kollox zbaljata – *tan-nullità ta' l-istess ittra, billi giet mahruga lil socjetà inezistenti u mhux rapprezentata minnu, huwa ma ghamel xejn wara li rceviha.*

Huwa veru li l-gurisprudenza nostrali[5] tipprovdi li d-dettalji moghtija f'ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom, minhabba n-natura partikolari tal-procedura, ikunu kemm jista' jkun korretti u dettaljati, izda b'daqshekk ma jfissirx li dawn l-istess proceduri ghandhom dejjem u f'kull kaz fejn tirrizulta inezatezza jigu dikajrati nulli. Jigi ribadit li l-inezatezza fl-isem tas-socjetà bin-Numru tar-Registrazzjoni C-15308 u b'ufficju registrat f'Hal Far Road, B'Bugia, kif indikat fl-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2811/11 ma holqitx dubju dwar l-identità tal-parti interpellata ghall-hlas u ghalhekk, l-istess ittra ufficjali u l-atti sussegwenti, senjatament il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11 ma ghandhomx jitqiesu bhala nulli, izda huma legalment validi u gew debitament notifikati lil min effettivament kellu jigi notifikat bihom, ossia s-socjetà rikorrenti.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li ma huwiex necessarju li tidhol fil-kwistjoni dwar jekk isem is-socjetà interpellata bl-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 2811/11 u indikata bhala sekwestrat fil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11 ghandux, f'dan l-istadju tal-procedura istitwita mis-socjetà intimata bis-sahha ta' dik l-ittra ufficjali, jigi korrett ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tastjeni milli tippronunzja ruhha fir-rigward.

---

5 Noel Sultana v. Andrew Mercieca, Rikors Nru. 10/10 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fil-15 ta' Frar 2010; Joseph Gouder et v. Paul Zammit, Appell Civili Nru. 113/10 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru 2010; u Vincent Borg v. Shaun Risiott, Rikors Nru. 175/11 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Awwissu 2010.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad it-talba tas-socjetà rikorrenti ghar-revoka *contrario imperio* tad-Digriet Taghha tas-26 ta' Ottubru 2010 li bih inhareg il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 3114/11 fl-ismijiet "Alfred Baldacchino Limited v. C&F Build Limited". L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------